# RADJU MARIJA

(102.3FM/107.8FM)

Nru. 83 - Ottubru - Diċembru 2016 - Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)

## Vjaġġ Appostoliku tal-Qdusija tiegħu Franġisku fil-Polonja fl-Okkażjoni tal-XXXI Jum Dinji taż-Żgħażagħ (27-31 ta' Lulju 2016)

# F'dinja fejn il-Paċi qegħda tkun mhedda serjament...




*Żjara lil Knisja ta' San Franġisk fi Krakovja s-Sibt 30 ta' Lulju 2016*

## Sejħa mill-Papa għall-Paċi u l-Ħarsien mill-vjolenza u mit-terroriżmu

Kemm-il darba mill-bidu tal-Pontifikat tiegħu, Papa Franġisku minn dejjem talab u ħeġġeġ għal Talb kontra kull tip ta' vjolenza u terroriżmu. Din it-talba li ġejja għamilha waqt l-aħħar Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar fil-Polonja matul is-Sajf li għadda:

O Alla li tista' kollox u ħanin, Sid tal-Univers u tal-istorja. Kulma ħlaqt int huwa tajjeb, u l-ħniena tiegħek għall-iżbalji tal-bniedem hi bla tarf.

Illum niġu għandek nitolbuk iżżomm fis-sliem lid-dinja u lil kull min jgħix fiha, tbiegħed minnha l-mewġa qerrieda tat-terroriżmu, trodd il-ħbiberija u ssawwab fil-qlub tal-ħlejjaq tiegħek id-don tal-fiduċja u tad-disponibbiltà għall-maħfra.

Lilek li tagħti l-ħajja, nitolbuk ukoll għal dawk kollha li mietu vittmi ta' attakki brutali ta' terroriżmu. Agħtihom il-premju ta' dejjem. Ħa jidħlu huma quddiemek għal din id-dinja, mifnija mill-ġlied u t-tilwim.

O Ġesù, Prinċep tal-Paċi, nitolbuk għal min ġie midrub f'dawn l-atti ta' vjolenza diżumana: tfal u żgħażagħ, nisa u rġiel, anzjani, persuni innoċenti milquta mill-ħażen sempliċement b'kumbinazzjoni. Fejjaq il-ġisem tagħhom u l-qalb tagħhom u farraġhom bil-qawwa tiegħek, u fl-istess waqt xejjen kull mibegħda u xewqa għal vendetta.

Spirtu s-Santu Konsolatur, żur il-familji tal-vittmi tat-terroriżmu, familji li qed ibatu bla ebda ħtija tagħhom. Geżwirhom fil-mant tal-ħniena divina tiegħek. Agħmel li fik u fihom infushom isibu s-saħħa u l-kuraġġ biex ikomplu jkunu aħwa għall-oħrajn, fuq kollox għall-immigranti, u b'ħajjithom jagħtu xhieda ta' mħabbtek.

Miss il-qlub tat-terroristi, biex jagħrfu l-ħażen ta' għemilhom u jerġgħu lura fit-triq tal-paċi u tat-tjieba, tar-rispett għall-ħajja u tad-dinjità ta' kull bniedem, ikunu xi jkunu r-reliġjon, il-provenjenza, l-għana jew il-faqar tiegħu.

O Alla, Missier Etern, fil-ħniena tiegħek isma' t-talba li qed ngħollu quddiemek minn qalb il-ġenn u l-qtigħ il-qalb tad-dinja. Lejk induru b'tama qawwija, mimlija fiduċja fil-ħniena bla tarf tiegħek, waqt li nintelqu fl-interċessjoni tal-Omm Imqaddsa tiegħek, imqawwija mill-eżempju tal-beati martri tal-Perù, Zbigniew u Mikiel, li int għamilthom xhieda mill-aqwa tal-Vanġelu, hekk li waslu biex offrew demmhom, u nitolbu d-don tal-paċi u li titbiegħed minna l-pjaga tat-terroriżmu. Bi Kristu Sidna. Amen.

*Miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*





**PAYPAL:** *mezz wieħed kif tista' tagħti donazzjoni... idħol fil-homepage tal-Websajt ta' Radju Marija u agħfas fuqha għal aktar dettalji.*




**SUPPLIMENT TA' 4 PAĠNI:**
*Fil-paġni tan-Nofs li jinkludi: Poster tal-Madonna - Year Planner u Tagħrif fuq il-Kalendarju 2017 ta' Radju Marija*

**Fil-paġni ta' ġewwa**


Paġni 2 u 3 — Mill-Album ta' Radju Marija
Paġni 4, 9 u 10 — Programmi Ġodda fl-Iskeda tal-Ħarifa
Paġni 5 sa 8 — Skeda tal-Programmi



# Mill-Album ta' Radju Marija

## Laqgħa ma' l-Arċisqof Monsinjur Charles Scicluna



Nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju, diriġenti ta' Radju Marija għamlu żjara ta' kortesija lil Monsinjur Arċisqof Charles Scicluna. Id-delegazzjoni kienet magħmula minn Padre Francisco Palacios mill-Familja Dinjija ta' Radju Marija, Michael Amato kordinatur ta' Radju Marija Malta kif ukoll Tonio Fenech, Kordinatur tal-programmi ta' Radju Marija Malta. Ġew diskussi diversi temi fost l-ewlenin kien hemm dik tat-tisħiħ fil-kollaborazzjoni mad-djoċesi.

## Intervista mal-Kandidati għall-Ordinazzjoni Saċerdotali

Kemm fil-ġranet ta' qabel kif ukoll wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' tmiem presbiteri li saret l-Erbgħa 29 ta' Ġunju fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fil-Belt, Radju Marija stieden l-istess kandidati individwalment għal intervista. Fir-ritratt jidhru s-saċerdoti novella James Saydon u Sergio Fenech fl-intervista li saret waqt Kuntatt fil-5 ta' Lulju.



## Pellegrinaġġ f'Lourdes

**Bejn il-Ġimgħa 15 u l-Ħamis 21 ta' Lulju,** madwar 30 pellegrin telgħu ma' Radju Marija fil-Belt Qaddisa ta' Lourdes. Il-grupp kien immexxi minn Charles Sammut bħala tour leader. Fr Carl Mario Sultana kien id-Direttur Spiritwali.



# Velja tal-Assunta 2016...
## 350 pellegrin jakkumpanjaw lil Radju Marija







Permezz ta' Organizzazzjoni tat-trasport minn diversi rħula madwar Malta kordinat minn Sarah Barbara, promotriċi ta' Radju Marija, madwar 350 pellegrin telgħu minn Malta sabiex jattendu għall-Velja tal-Assunta li għal darb'oħra saret fil-Misraħ tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinju fl-Għarb Għawdex, il-Ħadd 14 ta' Awwissu. Il-Velja li bdiet fit-8.00pm tmexxiet mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech u xxandret fuq Radju Marija.

## Żjara f'Malta tar-rappreżentant Afrikan tal-Familja Dinjija ta' Radju Marija



Mument mill-intervista ma' Jean Paul Kayihura

Bejn l-Erbgħa 3 u t-Tlieta 9 ta' Awwissu żar Malta ir-rappreżentant ewlieni Afrikan għal Familja Dinjija ta' Radju Marija Jean Paul Kayihura. Hu kien akkumpanjat mill-mara u żewġt ulied. Żar ukoll l-istudios ta' Radju Marija u kien ukoll intervistat fuq is-sitwazzjoni tal-Kontinent Afrikan fil-Familja Dinjija minn Tonio Fenech, kordinatur tal-programmi tal-istazzjon *(ara ritratt)*. Jean Paul radd ukoll ħajr lis-semmiegħa ta' Radju Marija għall-għotja ġeneruża miġbura waqt l-aħħar Mariatona li Radju Marija Malta organizza f'Mejju li għadda b'riżq il-proġett Kibeho fil-pajjiż ta' Rwanda: il-pajjiż fejn twieled Jean Paul.

## Sehem Radju Marija fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ: Krakovja, Polonja
### (bejn is-26-31 ta' Awwissu 2016)




Waqt wieħed mir-recordings ta' Youth@Krakow

Radju Marija wassal fi djarkom l-aħħar informazzjoni fuq il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ kemm permezz ta' programm mifrux fuq 3 xhur fl-iskeda tas-Sajf kordinat minn Stefan Cachia *(ara ritratt f'wieħed mnir-recordings)* kif ukoll permezz ta' għadd ta' kollegamenti tul il-ġimgħa ta' Attivitajiet permezz ta' Fr Reuben Gauci li mexxa wieħed mill-gruppi fost is-650 żagħżugħ u żagħżugħa li attendew għal din il-manifestazzjoni.

# Programmi ĠODDA fl-iskeda tal-Ħarifa ta' Radju Marija li tibda t-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 u li tintemm nhar il-Ħadd 1 ta' Jannar 2017

## Bħal Ħobż Maqsum

**Preżentazzjoni ta' Fr Frank Borg, Dumnikan. Jixxandar l-ewwel darba s-Sibt fit-3.30pm u jkun imtenni t-Tnejn fil-5.30am**

Matul din is-sensiela se jkun mistħarreġ kif is-suċċess tar-riforma liturġika, f'dak li huwa lingwaġġ simboliku (Sinjali, Simboli u Ġesti) fis-sagramenti, jiddependi minn kif is-saċerdoti qegħdin jużawh b'mod li l-miġemgħa tifhem x'qiegħed isir u tieħu sehem b'mod ħaj u attiv. Għalhekk, ser ikun eżaminat bir-reqqa s-sinjali, simboli u ġesti flimkien mat-Talb u l-Ispazji Liturġiċi, fil-Knejjes tagħna. Tingħata ħarsa lejn l-oriġini u t-tifsira tagħhom matul iż-żminijiet, u fuq kollox jekk it-tifsira tagħhom hix ċara għalina l-insara tallum.

## Dawl fi triq mudlama

**Preżentazzjoni ta' Patri Elija Vella, Franġiskan u Eżorċista. Jixxandar l-ewwel darba nhar ta' Tnejn fit-3.30pm u jkun imtenni nhar ta' Erbgħa fis-6.30am u l-Ħadd fil-11.00pm**

Ħaġa tal-iskantament: donnu l-bniedem jippreferi jimxi fid-dlam aktar milli fid-dawl: Id-dalma tal-injuranza, id-dalma tad-dnub u tal-iżball. F'din li l-iskeda Patri Elija jlaqqagħna ma' Ġesù, il-fanal li jdawlilna t-Triq li twassalna għall-vera paċi u fejqan.

## Emmint u tkellimt

**Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Fr John Berry, Djoċesan mgħejjun minn Gavin Muscat u Kenneth Fenech. Jixxandar *live* nhar ta' Ħamis fis-2.00pm u jkun imtenni t-Tnejn fin-12.30am**

Dan hu programm li jesplora l-bażi tat-twemmin Kattoliku u kif l-Imħabba lejn il-proxxmu tħeġġiġna biex naqsmu l-fidi tagħna ma' ħaddieħor. Jiġu mwieġba mistoqsijiet bħal: Min hu l-vera Ġesù; Nistgħu nafdaw l-Iskrittura Mqaddsa?; X'jiġri meta mmutu? U ħafna aktar. Ikun hemm lok għal kuntatt mas-semmiegħa permezz tal-sms.

## Familja kun dak li int

**Preżentazzjoni ta' Monsinjur Renato Borg. Jixxandar l-ewwel darba nhar ta' Ħamis fit-8.30pm u jkun imtenni l-Ħadd fil-5.30am**

Programm li l-iskop tiegħu huwa li jwassal it-tagħlim dwar il-familja ukoll biex ikun ta' għajnuna biex tissaħħaħ il-familja. L-isem tal-programm hu meħud mis-sejħa li San Ġwanni Pawlu II kien għamel fl-Eżortazzjoni Apostolika *Familiaris Consortio*. Il-kontenut hu meħud kemm minn tagħlim li joħroġ minn żmien għal żmien mill-Maġisteru tal-Knisja kif wkoll minn artikli u kotba oħra li jittrattaw diversi aspetti dwar iż-żwieġ u l-familja. Jingħata spazju kif inhu xieraq għall-Eżortazzjoni post-sinodali *Amoris Laetitia* ta' Papa Franġisku.

## Ħarsa Madwarna

**Kitba, produzzjoni u preżentazzjoni ta' Tano Vella. Jixxandar *live* nhar ta' Tnejn fil-11.00am u jkun imtenni l-Ġimgħa fis-6.00am**

Hija realtà li pajjiżna huwa mogħni binjiet infrastrutturali li jkomplu jsebbħuh u jagħtuh dik id-dehra partikulari. L-infrastruttura ta' pajjiżna teħodna lura sew fis-snin u xhieda ta' dan, għandna l-fdalijiet ta' tempji u binjiet oħra li ħallew b'wirt, missirijietna. Il-biċċa l-kbira tal-ħakkiema u l-amministraturi ta' pajjiżna kienu responsabbli tal-infrastruttura b'mod ġenerali speċjalment fejn jidħol bini ta' binjiet u ġonna pubbliċi flimkien ma' pjazez u toroq, li lkoll huma mmirati sabiex il-bżonnijiet u l-kwalità tas-soċjetà tkun aħjar. Dal-programm jagħti ħarsa lejn wħud mill-iżviluppi li saru matul iż-żmien u lejn dawk attwali permezz ta' diversi xogħlijiet pubbliċi. Il-programm ser ikun imżewwaq b'tagħrif ħafif marbut mal-istorja tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

• Ikomplu f'paġna 9

# SKEDA TAL-PROGRAMMI GĦAL ŻMIEN IL-ĦARIFA



**Tibda mit-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 u tintemm il-Ħadd 1 ta' Jannar 2017**

## IT-TNEJN

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Emmint u tkellimt** |
| 01.30am | **Serħan il-Qalb** |
| 02.30am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 03.00am | Qari Reliġjuż |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Għannu lill-ismu** |
| 05.30am | **Bħal Ħobż Maqsum** |
| 06.00am | Il-Kuraġġ nofs il-Fejqan |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11.00am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | **Ħarsa madwarna** |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 12.45pm | **Biex il-Ferħ tagħkom ikun sħiħ** |
| 01.00pm | Qari tar-Rumanz |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Dawl fi triq mudlama** |
| 04.00pm | Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | **Mur Sewwi l-Knisja Tiegħi** |
| 08.30pm | Qari ta' Rumanz (rpt.) |
| 09.00pm | **Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca** |
| 10.00pm | Inti f'Salib it-Toroq? |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IT-TLIETA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Saħħtek f'idejna** |
| 01.30am | **Vexillum** |
| 02.00am | Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Naturali |
| 05.00am | O Alla Trinità li nadura |
| 06.00am | Vuċi Missjunarja |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11.00am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | Ara Ommok |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 12.45pm | **Mitt sena minn Fatima** |
| 01.00pm | Tiżwiqa Mużikali |
| 02.00pm | Jiena Hu l-Ħobż tal-Ħajja |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Nisa fit-Testment il-Ġdid** |
| 04.00pm | **Għonja bi Lsienna** |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | **Vjaġġ Mużikali** |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Qari Reliġjuż |
| 08.30pm | **Ilkoll ħaġa waħda** |
| 09.00pm | **Anima Mea** |
| 10.00pm | Kunu xhieda tiegħi (rpt.) |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## L-ERBGĦA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Mid-Djarju tal-Papa** |
| 01.30am | **Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca** |
| 02.30am | **Għanjietna** |
| 03.00am | Rużarju ta' San Ġużepp |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Il-Ħames Vanġelu** |
| 05.00am | Fl-iskola ta' San Piju ta' Pietralċina |
| 06.00am | **Mur sewwi l-Knisja Tiegħi** |
| 06.30am | **Dawl fi Triq Mudlama** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am (jinkludi |
| | Mill-Vanġelu tal-Ġurnata fid-9.00am) |
| 11.00am | **Tifkiriet ta' Nostalġija** |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Ġużepp (rpt.) |
| 01.00pm | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **L-Informatika u s-Soċjetà** |
| 04.00pm | Il-Kuraġġ nofs il-Fejqan |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | Vjaġġ Mużikali |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | **Vexillum** |
| 08.30pm | Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati |
| 09.00pm | Għajn ta' Ġid |
| 10.00pm | Sejjaħli u jien inwieġbek |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IL-ĦAMIS

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Is-Sbuħija tal-Familja Nisranija** |
| 01.30am | Klassiċi u Sagri |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Ilkoll ħaġa waħda** |
| 05.00am | Magazine |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am |
| | (jinkludi Mill-Vanġelu tal-Ġurnata |
| | fid-9.00am) |
| 11.00am | Kunu xhieda tiegħi |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | **Mużika Country** |
| | **b'Ispirazzjoni** |
| 02.00pm | **Emmint u tkellimt** |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Hekk tħabbat il-Qalb Maltija** |
| 04.00pm | **Mid-Djarju tal-Papa** |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja |
| | Kattolika |
| 05.15pm | **Vjaġġ Mużikali** |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Għanjietna |
| 08.30pm | **Familja kun dak li int** |
| 09.00pm | O Alla Trinità li nadura |
| 10.00pm | **Nibnu u ngħixu l-Kultura** |
| | **tal-Ħajja (rpt.)** |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja |
| | Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IL-ĠIMGĦA

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | **Tifkiriet ta' Nostalġija** |
| 01.30am | Jien Ħu l-Ħobż tal-Ħajja |
| 02.30am | **Nisa fit-Testment il-Ġdid** |
| 03.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Qari Reliġjuż |
| 05.00am | Ara Ommok |
| 06.00am | **Ħarsa madwarna** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt sal-11am (jinkludi |
| | Mill-Vanġelu tal-Ġurnata fid-9.00am) |
| 11.00am | Vanġelu Ħaj |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tad-Duluri |
| 01.00pm | **Qari tar-Rumanz** |
| 01.30pm | Shalom (sat-3.00pm) |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Il-Ħames Vanġelu** |
| 04.00pm | **Saħħtek f'idejna** |
| 05.00pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.15pm | **Vjaġġ Mużikali** |
| 06.15pm | Għasar |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Angelus u Rużarju |
| 07.30pm | Aħbarijiet minn Radio Vaticana |
| 08.00pm | Biex il-Ferħ tagħkom ikun sħiħ |
| 08.15pm | Naturali |
| 08.30pm | **Qari tar-Rumanz (rpt.)** |
| 09.00pm | Vuċi Missjunarja |
| 10.00pm | **Serħan il-Qalb** |
| 11.00pm | Il-Vanġelu tal-Ġurnata (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

## IS-SIBT

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Għajn ta' Ġid |
| 01.30am | O Alla Trinità li nadura |
| 02.30am | Shalom (l-ewwel siegħa) |
| 03.30am | Tagħrif fuq il-programmi |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | Qari mill-Iskrittura Mqaddsa |
| 05.00am | **Għonja Bi Lsienna** |
| 06.00am | **Anima Mea** |
| 07.00am | Rużarju |
| 07.30am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt |
| | (sal-10.00am) |
| 10.00am | **Is-Sbuħija tal-Familja Nisranija** |
| 11.00am | **Nibnu u ngħixu l-Kultura** |
| | **tal-Ħajja** |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | Magazine |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Bħal ħobż maqsum** |
| 04.00pm | L-Arka ta' Noè |
| 05.00pm | Kuntatt (sat-8.00pm) |
| 05.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.50pm | Għasar |
| 06.00pm | Angelus u Rużarju |
| 06.30pm | Quddiesa |
| 07.00pm | Kuntatt (ikompli) |
| 08.00pm | Vangelu Ħaj (rpt.) |
| 09.00pm | Għannu lill-ismu |
| 10.00pm | **Hekk tħabbat il-Qalb** |
| | **Maltija (rpt.)** |
| 10.30pm | Għanjietna (rpt.) |
| 11.00pm | Mur sewwi l-Knisja Tiegħi (rpt.) |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

**Notamenti:**

1. Il-programmi bejn nofsillejl u s-7.00am huma kollha ripetizzjonijiet.
2. Dawk b'kulur differenti huma jew programmi ġodda jew inkella inbidlilhom il-ġurnata u l-ħin mill-aħħar skeda.
3. Rpt. tfisser ripetizzjoni.

SKEDA PROGRAMMI TAL-ĦARIFA



# Radju Marija Informa

## Infakkru fl-Appuntamenti Fissi fuq Radju Marija għall-iskeda tal-Ħarifa 2016

## IL-ĦADD

| | |
|---|---|
| 12.00am | Rużarju |
| 12.30am | Mużika Country b'Ispirazzjoni |
| 01.30am | Tiżwiqa Mużikali |
| 02.30am | Inti f'Salib it-Toroq? |
| 03.30am | Biex il-Ferħ tagħkom ikun sħiħ |
| 03.45am | Rużarju tal-Erwieħ |
| 04.00am | Rużarju |
| 04.30am | **Solidarjetà ma' Ħutna ppersegwitati** |
| 05.00am | **Mitt sena minn Fatima** |
| 05.30am | **Familja kun dak li int** |
| 06.00am | Vanġelu Ħaj |
| 07.00am | Quddiesa |
| 08.00am | Angelus u Kuntatt (li jinkludi wkoll il-quddiesa mis-Santwarju Nazzjonali Madonna ta' Pinu (10.00am) |
| 12.00pm | Angelus u Rużarju |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ |
| 01.00pm | **L-informatika u s-Soċjetà (rpt.)** |
| 01.30pm | **Il-Ħames Vanġelu (rpt.)** |
| 02.00pm | **Il-Ħadd Kumpanija** |
| 03.00pm | Kurunella Ħniena Divina |
| 03.30pm | **Il-Ħadd Kumpanija (ikompli)** |
| 05.00pm | Kuntatt (sat-8.00pm) |
| 05.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika |
| 05.50pm | Għasar |
| 06.00pm | Angelus u Rużarju |
| 06.30pm | Kuntatt (ikompli) |
| 08.00pm | Klassiċi u Sagri |
| 09.00pm | Magazine (rpt.) |
| 11.00pm | **Dawl fi Triq Mudlama (rpt.)** |
| 11.30pm | Aħbarijiet mid-Dinja Kattolika (rpt.) |
| 11.50pm | Kompjeta |

**QUDDIESA:**
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** fis-7.30am u fis-6.30pm.
**Nhar ta' Ħadd:** fis-7.00am mill-Knisja ta' San Duminku r-Rabat u fl-10.00am mis-Santwarju Nazzjonali Madonna ta' Pinu fl-Għarb, Għawdex.

**RUŻARJI:**
**Ir-Rużarju Mqaddes:** fl-4.00am; fis-7.00am; f'Nofsinhar; fis-6.00pm (is-Sibt u l-Ħadd) u fis-7.00pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) u f'Nofsillejl
**Ir-Rużarju tad-Duluri:** Kull nhar ta' Ġimgħa fin-12.30pm
**Ir-Rużarju ta' San Ġużepp:** Kull nhar ta' Erbgħa fit-3.00am u fin-12.30pm
**Ir-Rużarju tal-Erwieħ:** kuljum fl-3.45am u fin-12.30pm (minbarra nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa)

**L-ANGELUS:**
Kuljum fit-8.00am; f'nofsinhar u fis-6.00pm (qabel ir-Rużarju is-Sibt u l-Ħadd) u fis-7.00pm (qabel ir-rużarju mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

**KURUNELLA TAL-ĦNIENA DIVINA:**
Kuljum fit-3.00pm u nhar ta' Ġimgħa fit-3.00am.

**LITURGIJA TAS-SIGĦAT:**
**Kuljum kif ġej:**
**Tifħir ta' sbieħ il-jum:** fit-8.15am
**Għasar:** fis-6.15pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u fis-5.50pm nhar ta' Sibt u Ħadd
**Kompjeta għall-Miżżewġin:** f'11.20pm
**Talb ta' Egħluq il-Jum:** f'11.50pm

**BULETTIN TAL-AĦBARIJIET MID-DINJA KATTOLIKA:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fil-5.00pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm
Is-Sibt u l-Ħadd fil-5.30pm b'ripetizzjoni fil-11.30pm

**L-AĦĦAR AĦBARIJIET MINN RADJU VATIKAN bl-Ingliż:**
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa fis-7.30pm

# Programmi Ġodda u oħrajn li qed jirritornaw fl-iskeda tal-Ħarifa

• Ikomplu minn paġna 4

## Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija

**Kitba ta' Oliver Friggieri. Qari minn Alfred Mallia. Jixxandar il-Ħamis fit-3.30pm u jkun imtenni s-Sibt fl-10.00pm**

Hu l-isem ġenerali ta' triloġija (jiġifieri ġabra ta' tliet rumanzi) li flimkien jiffurmaw rumanz sħiħ wieħed. It-tliet rumanzi huma: *It-Tfal jiġu bil-Vapuri; La Jibnazza Niġi Lura* u *Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port*. Kull rumanz hu sħiħ, imma jkompli ma' ta' qablu.

Din it-triloġija hija dwar ir-ruħ tal-poplu Malti kif ukoll dwar ir-ruħ tal-bniedem kullimkien u dejjem, quddiem l-esperjenzi l-kbar tal-eżistanza - Alla, it-tbatija, l-imħabba, iż-żwieġ, is-solitudni u l-mewt. L-istorja tiġri fil-bidu tas-seklu għoxrin fil-wied, il-kampanja, il-knisja u d-djar f'raħal antik żgħir u fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Bi storja sempliċi Oliver Friggieri jesplora sitwazzjonijiet li ma jitbiddlux maż-żmien.

Kollox idur madwar Dun Grejbel, qassis twajjeb li jispiċċa biex ibati ħafna, u madwar Susanna, omm żagħżugħa vittma taċ-ċirkustanzi, u madwar Katarina, ommha. F'din l-iskeda ser jixxandar l-ewwel rumanz.

## Is-Sbuħija tal-Familja Nisranija

**Produzzjoni Moviment ta' Kana u preżentazzjoni ta' Dr Mark Fenech Vella LLD. Jixxandar *live* kull nhar ta' Sibt fl-10.00am u jkun imtenni l-Ħamis fin-12.30am**

L-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku *Amoris Laetitia* għandha tkun il-pedament ta' dawn il-programmi. Il-Papa jagħtina minjiera ta' tagħlim fuq il-ġmiel tal-imħabba. Se tingħata enfasi speċjali fuq kapitlu 6 li fih il-Papa jagħtina programm ta' ħidma li għandu jsir minn kulħadd bi preparazzjoni għaż-żwieġ.

Il-kontenut ta' din is-sensiela jinkludi wkoll il-ħidmiet li jagħmel il-Moviment ta' Kana fid-diversi setturi tiegħu imma fuq kollox il-kordinament tal-pastorali tal-familja fil-parroċċi.

## Ilkoll ħaġa waħda

**Produzzjoni tal-Moviment tal-Fokolari. Preżentazzjoni ta' Sonia Camilleri u Christopher Mallia. Jixxandar l-ewwel darba t-Tlieta fit-8.30pm u jkun imtenni l-Ħamis fl-4.30am**

Il-Moviment Internazzjonali tal-Fokolari, huwa bħal familja mżewwqa b'kull razza u twemmin. Beda matul it-Tieni Gwerra Dinjija bħal mewġa ta' tiġdid spiritwali u soċjali fil-Knisja. Chris Mallia u Sonia Camilleri fil-programm "Lkoll Ħaġa Waħda" ser iwasslulna aspetti differenti ta' din il-kariżma ġdida fil-Knisja.

## Mid-Djarju tal-Papa

**Preżentazzjoni ta' Joe Farrugia mgħejjun mill-mistiedna tiegħu. Jixxandar *live* kull nhar ta' Ħamis fl-4.00pm u jkun imtenni l-Erbgħa fin-12.30am**

Is-sejħa tal-Papa bħala Suċċessur ta' Pietru hi li jwasslilna l-Kelma ta' Kristu. Is-sejħa tagħna bħala nsara hija li nisimgħu dil-Kelma u ngħixuha. U l-missjoni ta' Radju Marija hija li din il-kelma mogħtija lilna mill-Papa nxandruha bil-Malti f'kull dar Maltija. Għalhekk ma' jistax jonqos li dan il-programm se jiffoka fuq diskorsi u kitbiet li l-Papa Franġisku jkun għamel fl-aħħar jiem qabel jixxandar il-programm u jkun hemm riflessjoni dwarhom permezz ta' mistiedna fl-istudio.

## Mitt sena minn Fatima

**Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Fr Hayden Williams, Franġiskan Kapuċċin. Jixxandar l-ewwel darba t-Tlieta fis-12.45pm u jkun imtenni l-Ħadd fil-5.00am**

Fl-okkażjoni tal-100 sena mill-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, Fr Hayden se jkun qed jaqsam riflessjonijiet dwar il-messaġġ li Ommna Marija waslet lit-tlett rgħajja u li l-Knisja approvatu.

• Ikomplu f'paġna 10



Radju Marija
102.3FM | 107.8FM
Leħen Nisrani fid-Dar Tiegħek
Grazzi ħafna tat-Talb u d-Donazzjonijiet tagħkom biex inkomplu mexjin...

• Ikomplu minn paġna 9

Dan il-programm se jkun qed jieħu diversi temi dwar l-irwol ta' Marija, Omm Alla, fil-ħajja tagħna, l-esperjenza ta' kull dehra bejn 13 ta' Mejju u t-13 ta' Ottubru 1917, u kif nistgħu ngħixu l-messaġġ fi żminijietna biex jintlaħaq l-għan ta' dawn id-dehriet: is-salvazzjoni tal-bniedem.

## Nibnu u ngħixu l-Kultura tal-Ħajja

**Produzzjoni u preżentazzjoni: *Life Network Malta* (Fondazzjoni favur il-Ħajja u l-Familja). Jixxandar *live* nhar ta' Sibt fil-11.00am u jkun imtenni l-Ħamis fl-10.00pm**

Kemm hu faċli li ngħidu li aħna favur il-ħajja, iżda meta niġu fil-prattika nafu x'jiġifieri tiddefendi l-ħajja f'kull sitwazzjoni u mhux biss meta jaqbel lilna? Dr Miriam Sciberras BChD(Hons) MA Bioethics, Dr Sara Portelli LL.B. Dip. Not. Pub., LL.D. u Dr Ramon Bonnett Sladden LL.B. Dip. Not. Pub., LL.D., flimkien mal-mistedna tagħhom jiddiskutu l-punti etiċi ta' sitwazzjonijiet u stejjer fejn tidħol il-protezzjoni tal-ħajja u l-familja. Jitrattaw sitwazzjonijiet fil-bidu u fl-aħħar tal-ħajja u dwar il-valur intrinsiku tal-ħajja umana.

## Nisa fit-Testment il-Ġdid

**Preżentazzjoni ta' Paul Xuereb. Jixxandar *live* kull nhar ta' Tlieta fit-3.30pm u jkun imtenni l-Ġimgħa fis-2.30am**

Fil-programm se niltaqgħu man-nisa kollha li jissemmew fit-Testment il-Ġdid. Kif inhu xieraq, l-ewwel post se tieħdu Marija, Omm Ġesù. Se niflu f'liema kuntest se jissemmew u nisiltu tagħlim prattiku għall-ħajja ta' kuljum. Il-programm se jservi sabiex, fuq kollox, insiru aktar midħla tal-Kelma t'Alla, tant importanti f'ħajjitna.

## Saħħtek f'idejna

**Produzzjoni tad-Dipartiment tal-Patoloġija fl-Isptar Mater Dei. Preżentazzjoni ta' Dr Christopher Barbara. Jixxandar f'xandira *live* kull nhar ta' Ġimgħa fl-4.00pm u jkun imtenni t-Tlieta fin-12.30am**

Il-preżentatur flimkien mal-mistiedna tiegħu, se jkun qed jiddiskuti suġġetti varji, kollha marbutin mas-saħħa. X'inhuma s-sintomi ta' ċertu mard u kundizzjonijiet? X'testijiet jista' jordna t-tabib biex jiskopri d-dijanjożi tal-pazjent u biex dawn igħinuh jasal għall-aħjar deċiżjoni dwar il-kura meħtieġa? X'inhuma dawk il-fatturi li jistgħu jaffettwaw ir-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju? Dan huwa kollu tagħrif siwi għalik jekk tassew għandek saħħtek għal qalbek. Is-semmiegħa jistgħu jipparteċipaw permezz tat-telefonati jew SMSs.

## PROGRAMMI LI QED JIRRITORNAW FL-ISKEDA TAL-ĦARIFA WARA ASSENZA TA' DIVERSI SKEDI...

### Il-Ħames Vanġelu

**Preżentazzjoni ta' Fr Twanny Chircop OFM u Tonio Farrugia. Jixxandar l-ewwel darba il-Ġimgħa fit-3.30pm u jkun imtenni l-Ħadd fis-1.30pm u l-Erbgħa fl-4.30am**

Permezz ta' dan il-programm niskopru l-isbuħija li toffri l-Art tal-Bibbja u nżuru postijiet bibliċi li mhux dejjem il-pellegrini li jżuru l-Art Imqaddsa jmorru fihom. Minkejja li ma humiex daqshekk magħrufa, dawn il-postijiet għandhom l-importanza tagħhom biblika li tajjeb nitkellmu fuqha. Is-semmiegħa jkunu mistiedna jingħaqdu f'dan il-vjaġġ.

### L-Informatika u s-Soċjetà

**Produzzjoni tal-Awtorità Maltija għal Komunikazzjoni u preżentazzjoni ta' Nevise Borg Caligari. Jixxandar nhar ta' Erbgħa fit-3.30pm u jkun imtenni l-Ħadd fis-1.00pm**

Għat-tielet sena konsekuttiva, l-Awtorità Maltija responsabbli mill-komunikazzjoni, ser tkun qed ittella programm li jitratta l-importanza tat-teknoloġija f'ħajjitna. Matul il-programm issir diskussjoni dwar kif it-teknoloġija tista' itejbilna ħajjitna permezz ta' xiri minn fuq l-*Internet* b'mod sigur, servizzi tal-gvern fuq l-*Internet*, anzjanità attiva, l-irwol tal-MCA bħala regolatur fuq l-operaturi tas-servizzi tal-kommunikazzjoni u ħafna iktar. Id-diskussjoni ser tkun waħda attiva permezz ta' diversi mistiedna u esperti fis-suġġett. Is-semmiegħa jistgħu jipparteċipaw permezz tat-telephone. Fl-aħħar tas-sensiela se jkun qed jiġi mrebbaħ ukoll *Tablet* fost dawk li jċemplu.

## PROGRAMMI OĦRA LI QED JIRRITORNAW WARA NUQQAS TA' SKEDA JEW AKTAR...

**Anima Mea, Għonja bi Lsienna, Il-Ħadd Kumpanija, Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca, Serħan il-Qalb, Tifkiriet ta' Nostalġija kif ukoll Vexillum.**

# Servizzi offruti minn Radju Marija



### Avviżi ta' Mwiet u Tifkiriet ta' Anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am u fil-11.55am, nhar ta' Sibt fit-8.00am **BISS** u l-Ħadd fit-8.00am u fil-11.50am. Għal aktar informazzjoni inkluż fuq ħlas involut wieħed għandu iċempel fil-ħinijiet tal-Uffiċċju fuq 21453105 u jsaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Importanti li l-avviżi jridu jkunu dettaljati għall-aħħar u idealment ittajpjati fuq karta A4, jridu jiġu preżentati fir-*Reception* ta' Radju Marija kif ġej: Mit-Tnejn sal-Ħadd bejn id-9.00am u t-8.00pm. Min jippreżenta l-avviż irid wkoll il-karta tal-identità tiegħu. **Ma' jistgħux jiġu aċċettati avviżi permezz tat-telefon jew saħansitra sms.**

### Avviżi Komunitarji imxandra kuljum waqt il-programm Kuntatt

Radju Marija jistieden lil dawk il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom li jkunu se jorganizzaw fuq Radju Marija biex jibgħatuhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel ma tkun ser isseħħ l-attività. Dawn għandhom jintbagħtu idealment b'email fuq **info.mal@radiomaria.org**.

L-attivitajiet avżati għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni Nisranija bħal seminars jew taħdidiet **u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' fundraising fosthom bazaars.** Hi fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija kemm-il darba jixxandar l-avviż. L-Avviżi Komunitarji jixxandru kuljum waqt il-programm Kuntatt bejn id-9.30am u l-10.00am ħlief għal nhar ta' Ħadd meta jixxandru fil-11.15am. L-Avviżi Komunitarji jsiru mingħajr ħlas, bħala servizz li Radju Marija toffri lill-Knisja f'Malta u Għawdex u lil dawk l-Għaqdiet jew Movimenti li qed jaħdmu fi ħdan il-Knisja u li huma approvati mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta u Għawdex. **Ma jistgħux jiġu aċċettati avviżi bit-telefon jew b'SMS.**

### Servizz ta' *Bookshop* fir-*Reception Area* kif ukoll booking ta' programmi li jkunu xxandru

Tista' takkwista kotba jew oġġetti ta' natura reliġjuża mill-*Bookshop* ta' Radju Marija fir-Rabat kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd bejn id-9.00am u t-8.00pm. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jċempel l-Uffiċċju ta' Radju Marija fuq 2145 3105 fil-ħinijiet tal-Uffiċċju u jsaqsi għal Michael Amato jew għal Moira Bugeja. Wieħed jista' jikseb ukoll informazzjoni kif jista' jakkwista kopja ta' programmi jew inkella xandiriet li jkunu seħħew barra mill-istudios. **Meta wieħed iċempel f'dan ir-rigward irid jipprovdi d-data u l-ġurnata meta jkun ixxandar il-programm jew inkella meta tkun saret ix-xandira mitluba.**



### Meħtieġa voluntiera għat-tqassim tal-Fuljetti




Dawk is-semmiegħa kollha li jixtiequ jqassmu l-fuljett ta' Radju Marija f'xi lokalità madwar Malta u Għawdex jew inkella iqassmu diġa' u għandhom diffikultà, għandhom jikkuntattjaw minnufih lil Promotriċi Sarah Barbara fuq **2145 3375** fil-ħinijiet tal-Uffiċċju. Jistgħu jikkuntattjawha dawk li jixtiequ jibdew jirċevuh jew inkella li jirċievu aktar minn fuljett wieħed. Wieħed jista' jibgħat ukoll e-mail fuq **promotion.mal@radiomaria.org** ***Wieħed jista' isegwi l-aħħar informazzjoni kull nhar ta' Ħamis fid-9.20am fuq Radju Marija waqt intervent li tagħmel Sarah waqt il-programm Kuntatt.***

### STEDINA GĦALL-VELJA TAL-KUNĊIZZJONI



Santwarju Santa Tereża, Birkirkara

L-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2016
Fit-8.00pm

Dettalji jitħabbru aktar tard fuq Radju Marija

**Idħol fil-Paġna ta' *Facebook* ta' Radju Marija, agħfas *like* u ħalli l-kumment tiegħek**

Find us on Facebook

***Kumment li rċevejna***



# Radju Marija... leħen Nisrani fid-dar tiegħek




Youth@Krakow

Imma jien x'nista nagħmel?

Joan Sammut waqt Kuntatt

Luke Mallia - Technical Officer

## MEZZI KIF TISTA' TGĦIN SABIEX RADJU MARIJA JKUN JISTA' JIBQA' JOFFRI S-SERVIZZI TIEGĦU:

■ Billi tagħti donazzjoni jew fir-*Reception* ta' Radju Marija fir-Rabat Malta jew fl-Uffiċċju ta' Radju Marija f'Għawdex (ara indirizzi postali hawn isfel) jew fil-*Catholic Bookshop* fir-Pjazza ta' Raħal Ġdid, l-Istitut Kattoliku l-Furjana, Simiana Stationery tas-Sliema kif ukoll fil-Preca Library, Blata l-Bajda.

■ Tibgħat ĊEKK jew MONEY ORDER bil-posta f'euros pagabbli lil **RADJU MARIJA** f'wieħed mill-indirizzi indikati hawn isfel.

■ Tiddepożita d-donazzjoni tiegħek f'wieħed mill-kontijiet li Radju Marija għandu fil-Banek indikati:

**HSBC, BOV u APS** **Ara li tingħata riċevuta mill-Bank għal kull donazzjoni.**

**Permezz ta' sms vojt**

Agħti donazzjoni ta' 4.66 Euro billi tibgħat sms vojt fuq in-numru **50618063**
jew inkella tibgħat sms fuq **50619278** għal donazzjoni ta' 11.65 Euros.



**Kuntatt ma' Radju Marija**
**Indirizz postali:** Radju Marija, PO Box 19, Rabat RBT1230
**Telefon Uffiċċju:** 21453105
**Telefon Studio:** 21453106
**SMS Studio:** 7979 1023
**Telefon Promozzjoni (Fuljetti):** 21453375
**Indirizz elettroniku Promozzjoni:** promotion.mal@radiomaria.org
**Indirizz Uffiċċju Għawdex:** 9, Triq il-Karità, Victoria
**Telefon Uffiċċju Għawdex:** 21560694
**Indirizz elettroniku:** info.mal@radiomaria.org
**Websajt:** www.radjumarija.org jew sibu fuq il-paġna ta' Radju Marija fil-FACEBOOK

RADJU MARIJA
102.3FM 107.8FM




## Kalendarju ta' Radju Marija 2017

■ B'dehra kompletament ġdida, Kalendarju modern mimli nformazzjoni ta' dati mportanti ta' meta jixxandru noveni u tifkiriet ta' dehriet fuq Radju Marija matul is-sena.

Jinsab għall-bejgħ bl-istess prezz ta' €3.50 mir-*Reception* ta' Radju Marija fir-Rabat, fil-Bookshop ta' Radju Marija Għawdex, mill-Librerija EMMAWS f'Birkirkara, mill-Librerija Preca Blata l-Bajda, mill-Catholic Bookshop f'Raħal Ġdid, mill-Istitut Kattoliku l-Furjana u mingħand Simiana Stationery tas-Sliema. Jista jinkiseb għall-prezz ta' €4 bil-posta.